# SIĠAR U ISMIJIET TA' XI RĦULA.

Milux ġie jżurni ħabib li għadu kif ġie minn barra, konna mmorru flimkien l-iskola fi żmien il-prefett Dun Mikiel Seykell u r-rettur Saver Schembri, ara kemm ilu! Ferah bija mhux ftit u tkellimna fuq mitt ħaġa, fuq dak li għadda minn għalina, fuq fejn dawn il-gżejjer marru 'l quddiem u fuq fejn baqgħu lura. Laqtitu wisq, lil ħabibi, dik li f'dawn is-snin kollha ħadd ma ġietu f'moħħu jżejjen dawk ir-rħula li isimhom ġej minn isem ta' xi siġra b'kotra ta' siġar li tfakkar lil kulħadd għaliex ir-raħal ħa l-isem. Nieħdu Ħal-Luqa, issokta jgħid sieħbi, il-Luq, kien igħidilna l-professur Ġavinu Gulia, hu l-*pioppo* bit-taljan-*poplar tree*, bl-ingliż. Dawn is-siġar sbieħ, naħseb li kienu jikbru u jħaddru fuq dawk il-għoljiet minn ewl id-dinja. Ma kienx jixraq li siġar tal-Luq jitrawmu f'misraħ u f'xi toroq ta' dak ir-raħal? Sieħbi mar San Ġiljan u, fil-misraħ ta' l-ewwel ramla msejjħa *Tal-Balluta*, ma lemaħx balluta waħda biex turi mnejn ġej l-isem tar-ramla. Il-balluta hi l-*oak tree* bl-ingliż, *quercia*, bit-taljan, siġra li tikber tajjeb għandna, kif naraw fid-daħla tal-Pwales u fid-daħla tal-wied ta' Birkirkara meta nħallu l-Imsida. Naħseb li kieku ġietu f'moħħu, il-Markiż Scicluna, kien iżejjen il-misraħ fejn hemm il-għajn bil-ballut. Aħjar hekk inkella jikteb l-isem fuq dak il-ġmiel ta' bini li talla' quddiem ir-ramla.

Għandna *San Ġwann tal-Għargħar* bejn tas-Sliema u Birkirkara. Siġra tal-għargħar (*giunipero, juniper tree*) kienet tixraq ħdejn il-Knisja mill-anqas. U Ħal-Għargħur, li x'iżjed ġej minn għargħar ukoll jixraqlu, naħseb, ftit siġar tal-għargħar għal ġieħ ismu.

U ż-żebbuġ fejn hu? Dik is-siġra li tagħti dik il-frotta bnina u meħtieġa li, magħsura, terħi ż-żejt li bih igħix il-poplu tagħna! Il-għala ma jixxettlux siġar sbieħ taż-żebbuġ fil-misraħ tal-Knisja taż-Żejtun, ta' Ħaż-Żebbuġ, taż-Żebbuġ ta' Għawdex ta' Burżebbuġa? Siġra sabiħa mita tkun miż muma tajjeb u magħżula, is-siġra taż-żebbuġ, sieħbi jixtieq jara dawn is-siġar fejn isimhom isejħilhom. Għandna min jieħu ħsieb ta' dan u jekk il-Gvern ittarraflu xi ħaġa, b'nefqa żgħira, kollox iseħħ.

U xi żabbara *(Alœ vulgaris)* fejn tidher sewwa f'Ħaż-Żabbar m'hux ta' min jaraha?

Issokta jgħid sieħbi: Għandna Piazza Celsi u Sda. Celsi, mit-taljan Gelso (*Morus alba u Morus nigra*) it-tuta u ċ-ċawsra—siġra magħrufa li dari tinżamm aktarx biex irabbu d-dud tal-ħarir li jiekol il-weraq tagħha biss. Siġra minn dawn f'dik li ngħidulha Piazza Celsi, quddiem l-Aragon, il-Belt kienet, naħseb, tixraq kemm għalina kemm għall-barranin li jsiru jifhmu mnejn huma ġejjin xi ismijiet ta' rħula u ta' toroq.

Ġieni f'moħħi nikteb dak li qal sieħbi fit-taħdita li kellna biex, jekk jista' jkun, din ix-xewqa tiegħu sseħħ għall-ġieħ ta' dawn il-gżejjer u tal-Isien Malti.

Hekk għandna nuru l-imħabba tagħna lejn pajjiżna mhux bil-kliem biss; il-poplu jitgħallem u actar jitħaġġeġ lejn il ġrajja ta' dawn il-gżejjer. Naħseb li l-ġurnali tagħna jkomplu ma' dak li xtaq sieħbi u l-biċċa sseħħ.

T. Z.